**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

# IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 23 – IT-TNEJN, 7 TA' APRIL 2014 FIS-5.45PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |

### 1. Approvazzjoni Minuti Numru 22

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda fil-paragrafu 8.1. Għandha tinbidel is-sentenza "Ġie deċiż li jerġa' jibda jagħmel ix-xogħol il-kuntrattur tal-kunsill" ma' "Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jerġa' jibda jagħmel ix-xogħol il-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Punti li joħorġu mill-minuti

2.1 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-pulizija minħabba l-bollard illegali li ttqegħdet quddiem il-ħanut Adam Cini fis-service road ta' Vjal ir-Riħan.

### 3 Pagamenti Numru 21

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Saret diskussjoni rigward it-talba biex issir billboard għall-attività għal Puttinu Cares. Ġie deċiż li tingħata No Objection u anke jiġi ssuġġerit l-ispazju faċċata tal-Knisja.

4.2 Ġiet diskussa l-proposta biex Dogs Trust jagħmlu mural ġdida minflok dik li hemm fi Triq Bella Vista. Kien hemm qbil li dan ma jsirx imma jinsab post ieħor fejn jistgħu jagħmlu mural ġdid.

4.3 Ġiet innutata talba għall-ħlas mill-Perit Bezzina għall-kontijiet pendenti. Ġie deċiż li s-Sindku jagħmel laqgħa miegħu.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward il-preżentazzjoni tal-medalji għal Youth Football Tournament. Il-Kunsilliera għandhom jibgħatu lill-Kunsill il-ġurnata meta ser jattendu għall-preżentazzjoni.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata l-iskema Accessibility Award. Ġie deċiż li ma napplikawx għal din minħabba li mhux ippjanati proġetti bħal dawn għal din is-sena.

5.2 Ġiet innutata korrispondenza rigward ir-risposta negattiva għal fondi ta' attivitajiet kulturali (Memo 25/2013). Il-korrispondenza kienet bejn is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sinjura Camilleri Aquilina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5.3 Ġiet diskussa l-offerta tal-kumpanija Blues Ltd għal street furniture li jintużaw għal reklamar. Għandha ssir site visit biex jiġi stabbilit fejn jistgħu jitwaħħlu dawn l-istreet furniture.

5.4 Ġiet innutata risposta negattiva mill-iskejjel primarji biex jagħmlu użu minn klassi għall-lezzjonijiet tal-kompjuters. Ġie deċiż li tintbagħat talba lill-iskejjel St Martins u Chiswick.

5.5 Kien hemm No Objection biex l-HSBC jagħmel użu mill-boardroom tal-Kunsill biex jagħmel recruitment drive għar-residenti ta' San Ġwann.

5.6 Ġiet innutata ittra mis-Sur Vassallo mis-San Ġwann Scouts. Ġiet innutata wkoll ir-risposta tas-Segretarju Eżekuttiv.

5.7 Ġiet innutata r-risposta posittiva biex jingħata l-isem Ġnien San Ġorg Preca, il-ġnien fi Triq San Ġiljan kantuniera ma' Triq Bella Vista. Ġie deċiż li ssir irħama u tiġi inawgurata għal Jum San Ġwann.

## 6 Kwotazzjonijiet

6.1 Għal kwotazzjoni Numru SGNLC/Q/2/14, qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani. Kien hemm 5 offerti. Wara diskussjoni, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta tal-kumpanija Twish minħabba li hija l-irħas offerta. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Audited Accounts 2013

7.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-audited accounts għas-sena 2013. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 8 Affarjiet oħra

8.1 Is-Sinjura Joan Farrugia infurmat il-Kunsill li l-Cart Ruts qiegħed jitnaddfu mid-Dipartiment tal-Cleansing.

8.2 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Kunsill li saret il-laqgħa mas-CEO tal-PBS. Kien hemm proposta biex fit-22 ta' Ġunju jiġi mxandar Ħadd Għalik minn San Ġwann. Il-Kunsill irid joħroġ l-ispejjeż tal-OB unit, li jammontaw għal 5000 Ewro. Ġie deċiż li ssir talba għal-laqgħa maċ-Chairman tal-MTA, is-Segretarju Parlamentari Stefan Bontempo u s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes bil-possibiltà li jisponsorjaw parti minn dawn l-ispejjeż.

8.3 Is-Sur Miguel Galea Sillato informa lill-Kunsill li hu sar is-Sindku tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Hu talab biex qabel il-laqgħa li jmiss jiltaqa' l-Kunsill taż-Żgħażagħ mal-Kunsill ta' San Ġwann. Kien hemm qbil fuq dan.

8.4 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li hemm sleeping policman imkissra fi Triq tal-Ibraġ. Ġie deċiż li din is-sleeping policeman titneħħa.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 22 ta' April 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |